

Il-Ministru George Pullicino flimkien mad-Deputat Nazzjonalista Franco Debono meta lbieraħ segwew ix-xogħlijiet li qed isiru fuq il-proġett ta' tisbiħ f'Xatt is-Sajjieda f'Marsaxlokk

# Proġett ta' aktar minn €1.2 miljun f'Marsaxlokk

minn **Hermann Micallef**

**Il-proġett ta' tisbiħ f'Xatt is-Sajjieda f'Marsaxlokk se jkollu investiment ta' €1,250,000 u mistenni jkun lest fi tmiem din is-sena.**

Dan qalu George Pullicino, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, meta żar ix-xogħlijiet fuq il-paviment ta' Xatt is-Sajjieda lbieraħ filgħodu.

Il-Ministru Pullicino stqarr li permezz ta' dan il-proġett il-Gvern qed juri b'mod ċar li jrid jinvesti fi proġetti ta' tisbiħ fl-ibliet u l-irħula kollha madwar Malta.

Minn dan il-proġett, sostna George Pullicino, irid jingħata spazju adekwat lir-residenti u lis-sajjieda. Il-bejjiegħa tal-ħut ukoll se jkunu allokati spazju għalihom b'faċilitajiet moderni biex il-bejgħ tagħhom ikun aktar faċli u l-prodott jibqa' frisk. Għalhekk fil-proġett sar disinn ta' tinda ġdida li se tieħu post dik antika tal-ħadid.

Il-Ministru Pullicino rrefera wkoll għall-monti li jintrama fiż-żona u stqarr li qed isiru diskussjonijiet mal-GRTU dwar it-tħaddim aħjar tiegħu. Sostna wkoll li saru laqgħat mas-sajjieda biex jibqa' l-aċċess tas-*slipways* għal-lanċ tal-baħar.

Ix-xogħol f'Xatt is-Sajjieda beda man-naħa tal-bini fejn flimkien ma' ħaddiema mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), qed ikunu stallati servizzi ġodda kemm tal-ilma kif ukoll tad-drenaġġ skont il-bżonn tal-inħawi. Qed isiru wkoll kanali żejda għas-servizzi li jistgħu jinqalgħu fil-futur biex ma jkunx hemm bżonn li jinqala' l-paviment.

Tul Xatt is-Sajjieda qed jitwessgħu xi bankini u jsir il-pavimentar mill-ġdid. Il-materjal tal-pavimentar hu tal-porfido, granit u tal-qawwi li jkun jiflaħ għall-attività kollha li ssir f'Marsaxlokk. Se jitwaħħlu *bollards* man-naħa tal-baħar bl-iskoll li jillimitaw l-aċċess tal-vetturi fuq il-*promenade*. Dan biex il-karozzi ma jagħmlux ħsarat filwaqt li x-xogħol tas-sajjieda jibqa' għaddej bi spazju dedikat għad-dgħajjes tas-sajjieda. Se jiżdied ukoll dawl dekorattiv kif ukoll numru ta' bankijiet tul ix-xatt.

Bil-proġett ta' Marsaxlokk, se jkun hemm tul ta' tliet kilometri ta' pavimentar f'Marsaxlokk u fil-proġett simili li għaddej fix-Xgħajra.

Preżenti waqt il-konferenza tal-aħbarijiet kien hemm fost oħrajn id-Deputat Nazzjonalista Franco Debono li kien tkellem ħafna dwar il-bżonn li jibdew xogħlijiet f'Xatt is-Sajjieda waqt seduti fil-Parlament f'Ottubru li għadda.

## Jiżdied il-qgħad

Statistika uffiċjali tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC) ippubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) turi li matul Marzu li għadda n-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol f'Malta u f'Għawdex żdied b'total ta' 915.

Iċ-ċifra ta' dawk jirreġistraw għax-xogħol hi dik ta' 7,083, magħmula minn 6,301 f'Malta u 782 f'Għawdex, bit-total ta' 6,544 taħt l-ewwel parti tar-reġistru, u 539 taħt it-tieni parti.

L-istatistika turi wkoll kif bejn Marzu ta' din is-sena u l-istess xahar is-sena li għaddiet, kien hemm żieda fin-numru ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol fl-inqas żmien ta' klassifikazzjoni, jiġifieri 20 ġimgħa jew inqas, filwaqt li naqas b'20 fil-mija n-numru ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal sena jew iktar.

Fl-istess 12-il xahar in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol żdied fil-faxex kollha tal-età, kif ukoll fost iż-żewġ sessi.

L-ikbar numru ta' nies jirreġistraw għax-xogħol, jiġifieri 3,330, ilhom fuq il-kotba tal-ETC għal 20 ġimgħa jew inqas.

L-iktar erba' kategoriji li fihom il-Maltin qed ifittxu x-xogħol huma fil-qasam tas-servizzi u l-bejgħ fil-ħwienet (1,465), bħala skrivana (1,062), xogħol manwali fil-fabbriki (993) u dak b'rabta mas-snajja' (889).

L-NSO ippubblika wkoll ir-rata ta' qgħad għax-xahar ta' Novembru li għadda, li kienet dik ta' 4.3 fil-mija.

